MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 855/2008

**Kawża Numru 8**
**Rik. Nru. 855/08JRM**

L-Avukat Roderick **ŻAMMIT PAĊE** bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza bil-assenti Dr Anna Catharina Maria Elisabeth *sive* Marlyse de Somez Cremers

vs

Arkitett Raymond **SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-22 ta’ Awissu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti:

( i ) Issib li l-ipoteka legali fil-Volum I 22339/2007, imdaħħla fir-Reġistru Pubbliku fis-7 ta’ Diċembru, 2007, fuq l-appartament internament markat bin-numru ħdax (11) li jagħmel mill-blokk ta’ appartamenti magħruf bħala Blokk T4F u tal-*garage* bl-ittra A numru 179, li jagħmlu mill-kunpless ta’ bini magħruf bħala “*Caravaggio Court*”, fil-Ponta ta’ Tignè, Sliema, saret bi ksur tal-liġi u b’mod abbużiv; u

( ii ) Tordna lill-imħarrek jitlob, bi spejjeż għalih, it-tħassir tal-imsemmija ipoteka legali f’dak iż-żmien qasir u perentorju li l-istess Qorti jogħġobha tiffissa u biex;

( iii ) F’każ li l-imħarrek jonqos li jagħmel dak lilu ordnat fiż-żmien lilu mogħti, taħtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att ta’ kanċellament relativ u taħtar Kuraturi Deputati biex jidhru fuq dak l-att f’isem dawk li jonqsu li jidhru. Talab wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta’ Awissu, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat struzzjonijiet lill-attur *nomine* dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li, minkejja li l-imħarrek kien notifikat kif imiss bl-Atti tal-kawża naqas li jresaq Tweġiba Maħlufa fiż-żmien lilu mogħti mil-liġi, u b’hekk waqa’ kontumaċi;

Rat in-nota mressqa mill-attur *nomine* waqt is-smigħ tal-14 ta’ Mejju, 2009, li magħha kien hemm mehmuża kopja ta’ dokument (att pubbliku nutarili) magħmul fit-30 ta’ April, 2009;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-attur *nomine* li biha ċeda l-ewwel żewġ talbiet attriċi, billi l-mertu kien eżawrit, u żamm sħiħa t-talba tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-art 223 tal-Kap 12;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Tqis li mill-atti jirriżulta li, matul iż-żmien li fih kienet qiegħda tinstema' l-kawża, l-imħarrek wettaq dak li l-attur *nomine* kien talab li jsir;

Tqis li l-imħarrek ma ċaħad qatt ix-xiljiet tal-attriċi proprio, dwar il-mod li bih saret l-iskrizzjoni ipotekarja attakkata, minkejja li ma irrinunzjax għall-kreditu minnu pretiż li bis-saħħa tiegħu kien talab li ssir l-imsemmija iskrizzjoni;

Tqis li jeżistu, għalhekk, l-estremi biex din il-Qorti tgħabbi lill-imħarrek bl-obbligu li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li l-attur *nomine* kellu joħroġ biex fetaħ din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi;

Filwaqt li **tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** fid-dawl taċ-ċessjoni magħmula mill-attur *nomine;*

Tordna lill-imħarrek biex iħallas **l-ispejjez tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------